MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1858/2005

**Victor Debattista I.D. 699057(M)**

**Vs**

**Phone Direct Limited C-27107**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Novembru, 2005 fejn gie premess illi l-ammont ta' elf tlett mija sitta u tmenin Lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm1386.12) mitlub mill-attur jirrapprezenta hlas ta' salarju u allowances ghax-xahar kollu ta' Awissu 2004 u disghat 'ijiem mix-xahar ta' Settembru 2004 kif ukoll bonuses u beneficcji dovuti skond il-ligi, u hlas ta' commissions dovuti skond ftehim bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numerata 7416/2005, u bl-imghax mid-9 ta' Settembru 2005 sad-

data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tat-2 ta' Dicembru, 2005 fejn gie eccepit illi :

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minghajr pregudizzju ghas-suespost.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut kif ser jigi muri fil-kawza.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur bosta drabi naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu, ma hadimx is-sieghat pattwita u ddikjara li huwa ntitolat ghall-hlas ta' numru ta' sighat ta' xoghol, bonuses u allowance meta fil-fatt huwa ma hadimx dawk is-sighat ta' xoghol u konsegwentament ma kienx intitolat ghall-bonuses u allowances minnu pretizi.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur kellu xoghol iehor u kien jahdem band'ohra meta suppost f'dawk il-hinijiet huwa kien qed jahdem ghas-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-**risposta ulterjuri** prezentata mis-socjeta` konvenuta fl-10 ta' Mejju 2007 fejn gie ulterjorment eccepit illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2147(C) tal-Kap 16 u ra ukoll d-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fil-verbal tal-10 ta' Mejju 2007 fejn qabblu illi din l-eccezzjoni tigi deciza mas-sentenza finali.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob somma determinata rapprezentanti hlas ta' salarju u allowances, bonuses u beneficcju ohra statutorji u kif wkoll commissions ghal perjodu Awissu 2004 u parti minn Settembru 2004.

It-Tribunal sejjer qabel xejn jezamina l-eccezzjoni ulterjuri sollevata – dik tal-preskrizzjoni ta' sena bbazata fuq l-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16 – *l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artiggjan jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu*.

Illi jidher pacifiku minn qari tax-xhieda ta' l-attur Victor Debattista u Raymond Galea ghas-socjeta` konvenuta illi l-paga ta' l-attur kienet tithallas (meta thallset) fl-ahhar ta' kull xahar kalendarju.

Illi pero` mhux car jekk il-kontendenti ffirmawx kuntratt tax-xoghol. Is-socjeta` konvenuta ssostni illi Dok RG1 (fol 23) huwa ftehim ffirmat bejn iz-zewg partijiet li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' l-attur – izda gie biss pprezentat 'photocopy' li inoltre` qed tigi kkontestata mill-attur, li minn naha tieghu ghalkemm jghid illi "*jidhirli li kuntratt tax-xoghol iffirmajna*", jaghraf il-firma tieghu izda jghid wkoll illi l-iskritt bil-biro fuq l-istess dokument ma' kienx hemm meta ffirma hu. Di piu` l-attur jghid illi l-original bil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu tinsab il-Labour Office – pero` naqas li jipproduciha jew iressaq lill-Labour Office jixhed sabiex jesebuha.

Pacifiku kif inhu illi l-attur kien jithallas fix-xahar, ghall-pagi u s-salarji mitluba mill-attur fl-ammont ta' erba mitt Liri Maltin (Lm400) ghax-xahar ta' Awissu 2004 u mija disgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm129.23) ghax-xahar ta' Settembru 2004, hija applikabbli l-preskrizzjoni eccepita ai termini ta' l-Artikou 2147(c) tal-Kap 16 – u fin-nuqqas ta' prova ta' interuzzjoni jew sospensjoni – lanqas kopja ta' l-ittra ufficcjali ma' giet esebita in atti – allura it-Tribunal kostrett jilqa` din l-ecezzjoni u jiddikjara preskritti l-ewwel zewg items f'paragrafu 6 ta' l-Affidavit ta' l-attur (fol 10) riferibbli ghat-

talba tal-hlas tal-paga ghax-xhur ta' Awissu u Settembru 2004 – u dan tenut kont illi l-Avviz odjern giet ntavolat fl-4 ta' Novembru 2005.

L-anqas ma` jirrizulta illi jista` jigi applikat l-Artikolu 2151(2) tal-Kap 16 li jghid illi fejn tirrizulta accettazzjoni tad-debitur, minn kont jew dikjarazzjoni ohra bil-miktub, allura f'kaz bhal dan ta' somministrazzjonijiet, servizzi, xogholijiet, l-azzjoni ma' taqax hlief bil-preskrizzjoni ta' hames snin dekoribbli mid-data tal-kont jew tad-dikjarazzjoni. Dikjarazzjoni sola sola ta' l-attur moghtija minnhu in ri-ezami fejn qal *gimghatejn qabel ma' ftaht il-kawza wkoll kont ergajt tlabtu l-flus u r-risposta tieghu kienet "yes yes yes imbaghad naraw"* mhix bizzejjed ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2151(2) tal-Kap 16.

Huwa ghalhekk illi elf mitejn u tnejn u tletin Euro u sebgha u sebghin Euro cents (€1232.77) ekwivalenti ghal hames mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (LM529.23) - rapprezentanti il-paga mitluba ghax-xhur ta' Awiussu 2004 u parti minn Settembru 2004 - mis-somma mitluba huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16.

In kwantu illi r-rimarenti elf disa mija u sitta u disghin Euro u zewg Euro cents (€1996.02) ekwivalenti ghal tmien mija u sitta u hamsin Liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm856.89) ma jirrapprezentawx paga jew salarju, izda bonuses, allowance staturorju, commissions, leave u petrol allowance – dawn ma humiex kolpiti bl-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16 (vide Appell 810/98DS – **Lawrence J.M. Galea vs Malta Shipbuilding Co. Ltd** – deciza 19.12.03) u allura t-Tribunal sejjer jghaddi sabiex jezamina t-talba attrici limitatament ghal din is-somma.

L-attur jispjega illi din is-somma hadimha flimkien mal-Labour Office, anke jekk l-istess attur ma ressaqx lil tal-Labour Office biex jixdhu u jikkonfermaw.

Is-socjeta` konvenuta minn naha l-ohra tecepixxi illi dawn ma humiex dovuti peress illi l-attur ma qeghdix id-doveri tieghu kif miftiehem.

It-Tribunal ikkunsidra (1) illi l-iskritt bil-biro fuq id-dokument RG1 huwa kontestat mill-attur bhala li ma kienx hemm meta hu iffirma l-istess ftehim, (2) illi s-socjeta` konvenuta ma rribattitx item item dak premess, allegat u li qed jippretendi l-attur kif anke espress fl-affidavit tieghu, u finalment, (3) illi tenut kont wkoll illi x-xhiedha ta' Jason Giardina mhix kredibbli, t-Tribunal ihoss illi mill-assjem tal-provi prodotti, t-talbiet ta' l-attur riferibbli ghas-somma ta' elf disa mija u sitta` u disghin Euro u zewg Euro cents (€1996.02) hija sostanzjata u timmerita illi tigi akkolta.

Illi t-Tribunal iqis ix-xhieda ta' Jason Giardina (fol 39-41) mhux kredibbli ghax ftit jista` jaccetta illi ntalab isegwi l-passi ta' l-attur bl-uzu tas-servizz pubbliku – "*jiena kont nirraporta x-xoghol, mbaghad naqbad il-bus u mmur fejn joghqod Victor u nistennieh gej*".

Illi dwar l-bonuses u l-allowances statutorji, t-Tribunal ma` ghandu ebda ghazla illi jordna l-hlas taghhom una volta mhux preskritti. L-istess japplika ghall-hlas tal-leave – li in oltre` ma` jidhirx illi huwa espressament kkontestat il-quantum tieghu.

Dwar il-commission u l-petrol allowance, Raymond Galea ghas-socjeta` konvenuta jghid illi "*jiena ma naqbilx mal-konteggi illi ghamel hu biex isostni t-talba*" u jzid jghid, filwaqt illi pprezenta Dok RG6, illi dak kien rcevieh mill-Labour Office dwar kif l-attur wasal ghas-somma tieghu.

Jghid wkoll illi l-attur ma kienx jimla` l-'*contacts sheet*' ta' lil min kellem kull gurnata – u meta vverifika sab illi addirittura l-*contacts sheets* kif mimlija mill-attur kienu skorretti u ma jirriflettux il-verita`. Jaghti ezempju ta' dan il-*contact sheet* ta' Awissu 2004 u jghid illi meta kkonfronta lil impjegata ohra bl-isem ta' Maria – din ikkonfermatlu illi ma kienx marru fil-postijiet indikati mill-attur. Madankollu, quddiem it-Tribunal s-socjeta` konvenuta ma' rnexxiliex tipprova dan u meta ressqet lil Maria Sabrina Micallef – ex impjegata tas-socjeta` attrici – proprju sabiex tikkonferma dak li kien qal Raymond Galea, din ix-xhud stqarret li lill-

attur la tgharfu u lanqas tiftakru mill-isem fiz-zmien illi hija kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis illi l-attur irnexxielu jipprova il-kaz tieghu u jikkonvinci lit-Tribunal fit-talba minnu maghmula hafna aktar milli rnexxielha is-socjeta` konvenuta tikkonvinci lit-Tribunal illi s-somma mitluba mhix dovuta. It-tezi ta' l-attur, sostanzjata kif inhi mill-provi kollha prodotti, issib komfort wisq aktar mit-tezi mressqa mis-socjeta` konvenuta bl-eccezzjonijiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ghalhekk, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ghajr ghall-eccezzjoni ulterjuri, jilqa` t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf, disa` mija u sitta` u disghin Euro u zewg Euro Centezmi (€1996.02) ekwivalenti ghal tmien mija u sitta` u hamsin Liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm856.89), jiddikjara preskritta l-bqija tas-somma mitluba fl-Avviz u jordna illi s-socjeta` attrici thallas lill-attur is-somma ta` elf disa` mija u sitta` u disghin Euro u zewg Euro Centezmi (€1996.02) ekwivalenti ghal tmien mija u sitta` u hamsin Liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm856.89), bil-imghax legali mill-presentata ta' l-Avviz.

Bl-ispejjes tal-kawza li ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------